# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: Siegħa u nofs**

Isem: ____________________________________________ Klassi: _________________

**A. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **ċittadin** | **ekonomija** | **globalizzazzjoni** | **koperattiva** | **opportunità indaqs** |
| **kultura** | ***mass media*** | **W.H.O** | **l-industrija** | **kura preventiva** |

1. Fil-familja tiġi trasmessa l- ___________________________ tas-soċjetà; jiġifieri l-ulied jiġu mgħallma t-tradizzjonijiet, il-valuri, il-lingwa u l-mod ta' ħajja.
2. Permezz ta' l-___________________________ is-soċjetà tħaddem ir-riżorsi tagħha biex tipproduċi aktar ġid.
3. Il-___________________________ tipprova ttejjeb is-saħħa tal-ġisem u tal-moħħ, u tgħin lill-pajjiżi jeqirdu mard kbir u serju.
4. Effett pożittiv tal-___________________________ hi s-solidarjetà bejn il-bnedmin ta' pajjiżi differenti.
5. Permezz tal-___________________________ nikkomunikaw ma' xulxin.
6. ___________________________ tal-manifattura tipproduċi ħafna prodotti fil-fabbriki tagħna u tipprovdi x-xogħol.
7. In-negozju li jwaqqfu l-ħaddiema bejniethom billi jaqsmu l-ispejjez u l-profitti jissejjaħ ___________________________.
8. Iċ-___________________________ għandu d-dmirijiet x'jaqdi lejn il-pajjiż.
9. Fit-taqsima ___________________________ insibu servizzi li jilqgħu għall-mard.
10. Il-Liġi ta' l-___________________________ tagħti opportunità lil kulħadd biex juża s-servizzi ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa u tax-xogħol. **(10 marki)**

**B. Aqra din is-sitwazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet:**

John u Mary kienu ilhom jaħdmu mal-kumpanija sa minn meta għalqu sittax-il sena. Daħlu jaħdmu ġol-fabbrika tat-tessuti fejn ma kellhomx bżonn skola u lanqas sengħa. Ma kinux jagħtu każ is-saħħa u s-sigurtà tagħhom stess biex jidhru ħelwin ma' sħabhom. Dejjem ġiethom tajba sakemm kellhom inċidenti separati li ħallewhom b'diżabilità.

1. X'importanza għandhom l-iskola u t-taħriġ (sengħa) fil-ħajja tax-xogħol?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2,2)

2. L-istorja tagħti raġuni waħda għaliex John u Mary ma kinux jilbsu lbies protettiv fil-post tax-xogħol. Agħti żewg raġunijiet oħra għaliex il-ħaddiema Maltin ma jilbsux ilbies protettiv.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2,2)

3. Semmi u agħti tagħrif dwar post wieħed fejn John u Mary setgħu jmorru biex jitgħallmu u jitħarrġu.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (1,3)

4. Għaliex taħseb li ħaddiema bħal John u Mary jagħmlu ħsara lis-soċjetà meta ma jobdux regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

**(15-il marka)**

**Ċ. Agħti żewġ eżempji ta':**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Drittijiet ta' student | ________ | ________ |
| 2. Sptarijiet f'Malta | ________ | ________ |
| 3. Regolamenti ta' l-iskola | ________ | ________ |
| 4. Valuri tradizzjonali | ________ | ________ |
| 5. Vantaġġi ta' l-isports | ________ | ________ |
| 6. Settur Primarju | ________ | ________ |
| 7. Dmirijiet tat-tfal | ________ | ________ |
| 8. Għaqdiet Volontarji | ________ | ________ |
| 9. Passatempi | ________ | ________ |
| 10. Trejd Unjons | ________ | ________ |

**(10 x 2 = 20 marka)**

**D. Agħti t-tifsira ta' dawn il-kelmiet:**

1. Ġustizzja Soċjali

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Riżorsi naturali

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Teknoloġija

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Ġid Nazzjonali

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Etika tax-xogħol

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Ambjent

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Solidarjetà

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Stil ta' ħajja

_______________________________________________

_______________________________________________

9. *Information Technology*

_______________________________________________

_______________________________________________

10. Sens Ċiviku

_______________________________________________

_______________________________________________

**(20 marka)**

**E. Agħżel <u>wieħed</u> minn dawn u ikteb paragrafu ta' mhux anqas minn 100 kelma.**

1. Semmi żewġ dmirijiet u żewġ drittijiet tal-ħaddiema u spjega kif dawn jgħinu lill-ħaddiema fix-xogħol tagħhom.

2. X'inhu l-qgħad u x'soluzzjonijiet jistgħu jittieħdu mill-imsieħba soċjali biex titnaqqas din il-problema?

**(15-il marka)**

**F. Agħżel <u>wieħed</u> minn dawn u ikteb 200 kelma dwaru.**

1. Kif nistgħu nħarsu saħħitna.

2. X'effetti għandhom ir-riklami fuq il-konsumatur.

3. Soċjetà mingħajr valuri ċiviċi tista' tiffunzjona sew? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

**(20 marka)**